ŻEBBUĠ

# KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

# ESTIMI ANNWALI 2015

## WERREJ


| | |
|---|---|
| ĦARSA LEJN IL-'BUDGET' | 1 |
| ESTIMI FIL-QOSOR TA' DĦUL U NFIEQ | 2 |
| ESTIMI DETTALJATI TA' DĦUL | 3 |
| ESTIMI DETTALJATI TA' NFIEQ | 4 |
| ESTIMI TA' NFIEQ KAPITALI | 5 |
| 'CASH BUDGET' | 6 |


Ippreparat minn Diane Tagliaferro

## *1.0 Ħarsa lejn il-Budget*

Dan il-*budget* huwa għas-sena 2015, sena li ser tinbeda mis-sitt Kunsill Lokali (minn Jannar sa April 2015) u titkompla minn Kunsill Lokali ġdid.

Id-dħul finanzjarju tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ huwa magħmul prinċipalment mill-allokazzjoni annwali li ssir mill-Gvern Ċentrali. Dawn il-fondi jiġu vvutati lil kull Kunsill skont il-funzjonijiet statutorji tiegħu. Tittieħed inkonsiderazzjoni wkoll l-*area*, metraġġ u distanzi li kull Kunsill għandu fejn jidħlu ġonna, toroq, *soft areas*, bajjiet, eċċ. Huwa mħabbar li l-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ ser ikun allokat is-somma ta' €419,382.

Id-dħul mill-fondi l-oħra jikkonsisti f' fondi speċjali li għalihom isiru applikazzjonijiet mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u entitajiet oħra taħt id-diversi skemi, fondi tal-Unjoni Ewropeja, minn għotjiet sponsorjali, mill-permessi tal-krejnijiet u permessi oħra ta' natura temporanja, il-bejgħ tad-dokumenti tal-offerti għall-akkwist ta' servizzi u xogħlijiet u l-imgħaxijiet tal-bank.

In-nefqa tal-Kunsill tikkonsisti fl-emolumenti personali, il-manutenzjoni u x-xogħlijiet l-oħra kif ukoll il-proġetti kapitali. Huwa stmat li n-nefqa totali għas-sena 2015 ser tkun ta' €649,297.

L-emolumenti personali jinkludu l-onorarja tas-Sindku u l-*allowance* lill-Kunsillieri kif ukoll il-pagi u l-benefiċċji tal-impjegati tal-Kunsill. Qed tkun allokata s-somma ta' €73,935 għall-emolumenti personali.

In-nefqa kurrenti hi magħmula wkoll mill-manutenzjoni u x-xogħlijiet l-oħra. Dan il-qasam jirrekjedi attenzjoni partikulari tant li qed tkun ivvutata s-somma ta' €305,931. Il-manutenzjoni u x-xogħlijiet l-oħra jinkludu, fost l-oħrajn:-

- Is-servizzi b' kuntratt, bħal ngħidu aħna, il-ġbir tal-iskart domestiku u goff, servizz ta' *bins on wheels* f' Marsalforn u ta' *bring-in sites*, it-tiswija ta' lampi tat-toroq, it-tindif u ż-żamma fi stat tajjeb tat-toroq, mogħdijiet fl-egħlieqi, il-latrini pubbliċi, il-ġonna u l-postijiet ta' rikreazzjoni, is-*soft areas*, ix-xtut kif ukoll is-sinjali u l-marki tat-traffiku;
- Ser nixtru aktar kotba għall-librerija pubblika;
- Ospitalita` u servizzi lill-komunita`, bħal ngħidu aħna, il-kontribut tal-Kunsill fit-tmexxija taċ-Ċentru ta' matul il-jum għall-anzjani, it-trasport tat-tfal tal-iskola, organizzazzjoni ta' programmi edukattivi, attivitajiet kulturali u soċjali.

Huwa ppjanat li l-kuntratti li l-Kunsill għandu mad-diversi dipartimenti tal-gvern jiġġeddu għal sena oħra. Rigward it-tindif tal-latrini pubbliċi ta' Marsalforn, it-tiġdid tal-kuntratt ifisser li l-Kunsill ser ikompli jħallas għall-attendenza ta' latrina waħda biss. Dwar il-qtugħ tal-ħaxix u t-tindif tat-toroq fuq ir-raħal, dan ix-xogħol ser ikompli jsir mill-persuni tal-Iskema tal-ETC Xogħol fil-Kommunita`. Bla dubju, il-Kunsill se jkun qed jiffranka eluf kbar ta' ewros.

Qed tkun ivvutata s-somma totali ta' €269,431 għall-proġetti kapitali. Fost il-proġetti, huwa ppjanat li:-

- Nibdlu l-bankini kollha ta' Triq Ulisse Marsalforn.
- *Embellishment* ta' Pjazza l-Assunta – ser nibdlu l-bankini tal-pjazza u ssir għamara tat-toroq ġdida. Dan il-proġett se jkun parzjalment iffinanzjat mill-programm LEADER tal-UE u mill-Fond CV 7237.
- *Upgrade* tas-*soft area* ta' Pjazza l-Madonna tal-Virtut – ser jinbena maħżen għall-użu tal-Kunsill u fuqu *playing area* għat-tfal.
- Il-kisi bil-konkos ta' Triq Ta' Ħabel it-Twil.
- Nibdlu l-passaġġ tal-injam ta' fuq il-Bajja ta' Marsalforn.

Huwa mbassar li fi tmiem l-2015, il-Kunsill ser jagħlaq il-kotba finanzjarja tiegħu b' bilanċ ta' €19,579.

Nicky Saliba
Sindku

Diane Tagliaferro
Segretarja Eżekuttiva

## *2.0 Estimi ta' Dħul u Nfieq*

### 2.1 Estimi fil-qosor ta' Dħul u Nfieq

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | a<br>ESTMI 2014 € | b<br>ATTWALI 2014 € | c<br>ESTMI 2015 € | c-a/a-c<br>VAR (ESTMI-ESTMI) € | c-b/b-c<br>VAR (ESTMI-ATTW.) € |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 414,246.00 | 454,409.77 | 421,086.00 | 6,840.00 | (33,323.77) |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 4,900.00 | 8,793.56 | 5,800.00 | 900.00 | (2,993.56) |
| 0090 | L-Investiment | 2,500.00 | 1,859.74 | 1,800.00 | (700.00) | (59.74) |
| 0100 | Ġenerali | 289,701.00 | | 220,641.00 | (69,060.00) | 220,641.00 |
| | **TOTAL** | **711,347.00** | **465,063.07** | **649,327.00** | **(62,020.00)** | **184,263.93** |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 73,068.20 | 72,110.96 | 73,935.32 | (867.12) | (1,824.36) |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 301,779.00 | 318,924.76 | 305,931.00 | (4,152.00) | 12,993.76 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 336,443.00 | 148,380.84 | 269,431.00 | 67,012.00 | (121,050.16) |
| | **TOTAL** | **711,290.20** | **539,416.56** | **649,297.32** | **61,992.88** | **(109,880.76)** |
| | **Bilanċ** | **56.80** | **(74,353.49)** | **29.68** | **(124,012.88)** | **74,383.17** |

## 2.2 Estimi Dettaljati ta' Dħul

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | a<br>ESTMI 2014<br>€ | b<br>ATTWALI 2014<br>€ | c<br>ESTMI 2015<br>€ | c-a<br>VAR (ESTMI-ESTMI)<br>€ | c-b<br>VAR (ESTMI-ATTW.)<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | | |
| 0001 | Annwali | 405,346.00 | 405,344.00 | 419,382.00 | 14,036.00 | 14,038.00 |
| 0002 | Supplimentari | | | | | |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | 8,900.00 | | 600.00 | (8,300.00) | 600.00 |
| 0004 | Delegazzjonijiet Pubbliċi/Governattivi | | 42,360.58 | | | (42,360.58) |
| 0015 | Ħwejjeġ oħra | | 6,705.19 | 1,104.00 | 1,104.00 | (5,601.19) |
| | | **414,246.00** | **454,409.77** | **421,086.00** | **6,840.00** | **(33,323.77)** |
| **0020** | **Il-'Bye-laws'** | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | | | | | |
| 0036 | Kontravvenzjonijiet | | 906.29 | | | (906.29) |
| 0056 | Għotjiet Sponsorjali | | | | | |
| 0066 | Ġenerali | 4,900.00 | 7,887.27 | 5,800.00 | 900.00 | (2,087.27) |
| | | **4,900.00** | **8,793.56** | **5,800.00** | **900.00** | **(2,993.56)** |
| **0090** | **L-Investiment** | | | | | |
| 0091 | Imgħax tal-Bank | 2,500.00 | 1,859.74 | 1,800.00 | (700.00) | (59.74) |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | | **2,500.00** | **1,859.74** | **1,800.00** | **(700.00)** | **(59.74)** |
| **0100** | **Ġenerali** | | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | | | | | |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | 289,701.00 | | 220,641.00 | | 220,641.00 |
| | | 289,701.00 | | **220,641.00** | | 220,641.00 |
| | **TOTAL** | **711,347.00** | **465,063.07** | **649,327.00** | **7,040.00** | **184,263.93** |

## 2.3 Estimi Dettaljati ta' Nfieq

| | | a | b | c | a-c | b-c |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | ESTMI 2014 € | ATTWALI 2014 € | ESTMI 2015 € | VAR (ESTMI-ESTMI) € | VAR (ESTMI-ATTW.) € |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 6,868.20 | 6,868.20 | 7,048.32 | (180.12) | (180.12) |
| 1200 | Pagi ta' l-Impjegati | 49,717.00 | 48,760.14 | 50,257.00 | (540.00) | (1,496.86) |
| 1300 | Bonus | 4,442.36 | 4,442.46 | 4,554.00 | (111.64) | (111.54) |
| 1400 | Dħul Supplimentari | 605.64 | 605.64 | 606.00 | (0.36) | (0.36) |
| 1500 | Kontribuzzjonijet tas-Sigurtà Soċjali | 3,924.00 | 3,923.92 | 3,959.00 | (35.00) | (35.08) |
| 1600 | 'Allowances' lill-Kunsilliera | 7,511.00 | 7,510.60 | 7,511.00 | | (0.40) |
| 1700 | Sahra | | | | | |
| | | **73,068.20** | **72,110.96** | **73,935.32** | **(867.12)** | **(1,824.36)** |
| **2000** | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bżonn (dawl/ilma/tel. etc.) | 6,476.00 | 5,017.22 | 5,352.00 | (5,352.00) | (334.78) |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 600.00 | 303.54 | 500.00 | 100.00 | (196.46) |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 70,000.00 | 58,107.44 | 65,000.00 | 5,000.00 | (6,892.56) |
| 2400 | Kera | 4,983.00 | 6,324.19 | 4,983.00 | | 1,341.19 |
| 2500 | Sħubija f'Għaqdiet Nazzjonali/Internaz | 1,200.00 | 824.00 | 1,000.00 | 200.00 | (176.00) |
| 2600 | Spejjeż tal-Uffiċċju | 6,000.00 | 4,816.84 | 6,000.00 | | (1,183.16) |
| 2700 | Trasport | 2,400.00 | 1,930.82 | 2,000.00 | 400.00 | (69.18) |
| 2800 | Safar u vvjaġġar | 3,500.00 | 741.00 | 3,500.00 | | (2,759.00) |
| 2900 | Tagħrif lill-Pubbliku | 3,400.00 | 6,914.02 | 7,000.00 | (3,600.00) | (85.98) |
| 3000 | Spejjeż ta' Kuntratti | 154,820.00 | 188,347.48 | 164,196.00 | (9,376.00) | 24,151.48 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 12,000.00 | 8,815.81 | 10,000.00 | 2,000.00 | (1,184.19) |
| 3200 | Taħriġ | 400.00 | | 400.00 | | (400.00) |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 35,000.00 | 35,999.64 | 35,000.00 | | 999.64 |
| 3400 | Spejjeż oħra li jinqalgħu | 1,000.00 | 782.76 | 1,000.00 | | (217.24) |
| | | **301,779.00** | **318,924.76** | **305,931.00** | **(10,628.00)** | **12,993.76** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' proprjetà | | | | | |
| 7100 | Bini | | 10,319.60 | | | 10,319.60 |
| 7200 | Titjib | 2,242.00 | 127,049.01 | | 2,242.00 | 127,049.01 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | | 3,134.88 | | | 3,134.88 |
| 7500 | Proġetti Speċjali | 334201.00 | 7877.35 | 269,431.00 | 64,770.00 | (261,553.65) |
| | | **336,443.00** | **148,380.84** | **269,431.00** | **67,012.00** | **(121,050.16)** |
| | **TOTAL** | **711,290.20** | **539,416.56** | **649,297.32** | **55,516.88** | **(109,880.76)** |

## *3.0 Estimi ta' Nfieq Kapitali*

| Nru. tal-Kont / Nru.tal-Proġett | L-Infiq Kapitali / Deskrizz. tal-Proġett | Bilanc sena bażi 2014 | | Estmi 2015 | | 2015 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Kont € | Proġett € | Kont € | Proġett € | Total tal-Kont € |
| 7001 | Xiri ta' Proprjetà | | | | | |
| 7100 | Bini | | | | | |
| 7200 | Titjib | | | | | |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | | | | | |
| 7500 | Proġetti Speċjali | | | 269,431.00 | 28,256.00 Pavimentar Triq Ulisse<br>170,175.00 Pjazza l-Assunta u Skapuccina<br>36,000.00 Triq Habel it-Twil<br>35,000.00 Progetti M'forn | 269,431.00 |
| | | | | 269,431.00 | | 269,431.00 |

## *4.0 Il-'Cash Budget'*

| Nru. tal-Kon | DESKRIZZJONI | QTR 4 OTT-DIĊ 2014 (Euro) | QTR 1 JAN-MAR 2015 (Euro) | QTR 2 APR-ĠUN 2015 (Euro) | QTR 3 LUL-SETT 2015 (Euro) | QTR 4 OTT-DIĊ 2015 (Euro) | TOTAL 2015 (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Dħul** | | | | | | |
| 0000 | Tal-Gvern | | | | | | |
| 0001 | Annwali | 101,336.00 | 104,845.50 | 104,845.50 | 104,845.50 | 104,845.50 | 419,382.00 |
| 0002 | Supplimentari | | | | | | |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | | | | | 600.00 | 600.00 |
| 0004 | Entitajiet Pubbliċi/Governattiv | 42,360.58 | | | | | |
| 0015 | Oħrajn | 6,772.88 | | 1,104.00 | | | 1,104.00 |
| 0020 | Bye-Laws | | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | | | | | | |
| 0036 | Kontravvenzjonijiet | 397.10 | | | | | |
| 0056 | Kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet | | | 58,256.00 | 162,385.00 | | 220,641.00 |
| 0066 | Ġenerali | 463.98 | 1,450.00 | 1,450.00 | 1,450.00 | 1,450.00 | 5,800.00 |
| 0090 | Investiment | | | | | | |
| 0091 | Interess Bankarju | 1,859.74 | | | | 1,800.00 | 1,800.00 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | | |
| | TOTAL | **153,190.28** | **106,295.50** | **165,655.50** | **268,680.50** | **108,695.50** | **649,327.00** |
| 1 | **Infieq** | | | | | | |
| 1000 | Salarji u Pagi | | | | | | |
| 1100 | Onorarja tas-Sindku | 1,717.05 | 1,762.08 | 1,762.08 | 1,762.08 | 1,762.08 | 7,048.32 |
| 1200 | Salarji u pagi ta' l-impjegati | 15,932.63 | 12,564.25 | 12,564.25 | 12,564.25 | 12,564.25 | 50,257.00 |
| 1300 | Bonus | 337.75 | | 338.00 | | 4,216.00 | 4,554.00 |
| 1400 | Dħul Supplimentari | | 303.00 | | 303.00 | | 606.00 |
| 1500 | Kont. ta' Sigurta` Soċjali | 980.98 | 989.75 | 989.75 | 989.75 | 989.75 | 3,959.00 |
| 1600 | Allowances lill-Kunsilliera & KAM | 3,477.65 | 277.65 | 3,477.85 | 277.65 | 3,477.85 | 7,511.00 |
| 1700 | 'Overtime' | | | | | | |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | | | | | | |
| 2100 | Dawl, ilma, telefon,etc. | 1,441.68 | 1,338.00 | 1,338.00 | 1,338.00 | 1,338.00 | 5,352.00 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal | 28.50 | 125.00 | 125.00 | 125.00 | 125.00 | 500.00 |
| 2300 | Tiswijiet u manutenzjoni | 20,138.08 | 16,250.00 | 16,250.00 | 16,250.00 | 16,250.00 | 65,000.00 |
| 2400 | Kera | (1,547.84) | 1,164.00 | | 3,484.00 | 335.00 | 4,983.00 |
| 2500 | Sħubija f'Assoċjazzjonijiet Int. | 160.00 | 250.00 | 250.00 | 250.00 | 250.00 | 1,000.00 |
| 2600 | Spejjeż tal-Uffiċċju | 2,358.31 | 1,500.00 | 1,500.00 | 1,500.00 | 1,500.00 | 6,000.00 |
| 2700 | Trasport | 174.64 | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 2,000.00 |
| 2800 | Vjaġġar/safar | | | | 3,500.00 | | 3,500.00 |
| 2900 | Informazzjoni għall-Pubbliku | 3,347.83 | 1,750.00 | 1,750.00 | 1,750.00 | 1,750.00 | 7,000.00 |
| 3000 | Servizzi b' Kuntratt | 36,329.97 | 42,213.75 | 40,660.75 | 40,660.75 | 40,660.75 | 164,196.00 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 733.14 | 2,500.00 | 2,500.00 | 2,500.00 | 2,500.00 | 10,000.00 |
| 3200 | Training | | | | | 400.00 | 400.00 |
| 3300 | Ospitalita` u servizzi lill-Komu | 8,454.61 | 8,750.00 | 8,750.00 | 8,750.00 | 8,750.00 | 35,000.00 |
| 3400 | Spejjeż Inċidentali | 154.63 | 250.00 | 250.00 | 250.00 | 250.00 | 1,000.00 |
| 7000 | Infieq Kapitali | | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' proprjeta` | | | | | | |
| 7100 | Bini | 30,000.00 | | | | | |
| 7200 | Titjib fil-Bini | 95,245.14 | | | | | |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | | | | | | |
| 7500 | Proġetti Speċjali | | | 79,256.00 | 170,175.00 | 20,000.00 | 269,431.00 |
| | TOTAL | **219,464.75** | **92,487.48** | **172,261.68** | **266,929.48** | **117,618.68** | **649,297.32** |
| | SURPLUS/DEFICIT | (66,274.47) | 13,808.02 | (6,606.18) | 1,751.02 | (8,923.18) | 29.68 |
| | BROUGHT FORWARD | 85,823.47 | 19,549.00 | 33,357.02 | 26,750.84 | 28,501.86 | 19,549.00 |
| | CARRY FORWARD | 19,549.00 | 33,357.02 | 26,750.84 | 28,501.86 | 19,578.68 | 19,578.68 |

# ESTIMI ANNWALI 2015 (IKOMPLU)

## *NOTI*

### SERVIZZI KUNTRATTWALI

| SERVIZZ | AMMONT |
|---|---|
| | € |
| KOPERTURA T' ASSIGURAZZJONI | 1,553 |
| SPEJJEŻ TAL-BANK | 100 |
| SERVIZZ TA' *BINS ON WHEELS* | 8,176 |
| ĠBIR TA' SKART DOMESTIKU "Bieb bieb" u *TIPPING FEES* | 57,696 |
| ĠBIR TA' SKART GOFF | 1,200 |
| TINDIF TA' TRIQAT URBANA | 1,000 |
| TINDIF U MANUTENZJONI TA' TOROQ MHUX URBANA | 40,000 |
| TINDIF U ŻAMMA TAL-LATRINI PUBBLIĊI | 13,207 |
| TINDIF TAL-BINI TAL-KUNSILL | 1,040 |
| TINDIF U ŻAMMA TAL-POSTIJIET TA' RIKREAZZJONI | 14,000 |
| TINDIF U ŻAMMA TA' *VERGES* | 1,224 |
| TINDIF U ŻAMMA TA' BAJJIET | 5,000 |
| TISWIJA TA' LAMPI TAT-TOROQ | 20,000 |
| TOTAL | €164,196 |